

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Ottubru 2017 – United Parcel Service vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-194/13 OST) ⁽¹⁾****(“Artikolu 165 tar-Regoli tal-Proċedura — Nuqqas li tingħata deċiżjoni — Intervent insostenn tal-parti li titlef — Spejjeż marbuta mal-intervent — Emenda tat-talbiet matul il-proċedura”)**

(2018/C 005/55)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: United Parcel Service, Inc. (Atlanta, Georgia, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: inizjalment A. Ryan, B. Graham, solicitors, W. Knibbeler u P. Stamou, avocats, u sussegwentement A. Ryan, W. Knibbeler, P. Stamou, A. Pliego Selie, F. Hoseinian u P. van den Berg, avocats)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment T. Christoforou, N. Khan, A. Biolan, N. von Lingen u H. Leupold u sussegwentement T. Christoforou, N. Khan, A. Biolan, u H. Leupold, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenuta: FedEx Corp. (Memphis, Tennessee, l-Isati Uniti) (rappreżentanti: inizjalment F. Carlin, barrister, G. Bushell, solicitor, u Q. Azau, avocat, sussegwentement F. Carlin, G. Bushell u N. Niejahr, avocats)

Suġġett

Talba mressqa skont l-Artikolu 165 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

Dispożittiv

- 1) Il-punt 223 tas-sentenza tas-7 ta' Marzu 2017, *United Parcel Service vs Il-Kummissjoni*, T-194/13, EU:T:2017:144 huwa emendat kif ġej: “Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, kull parti li titlef għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk tkun saret talba f'dan is-sens. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 134(2) tar-Regoli tal-Proċedura, jekk ikun hemm iktar minn parti waħda li titlef il-kawża, il-Qorti Ġenerali għandha tiddeċiedi dwar kif għandhom jinqasmu l-ispejjeż. Peress li l-Kummissjoni u l-intervenjenti tilfu, hemm lok, l-ewwel nett, li l-Kummissjoni tiġi kkundannata għall-ispejjeż tagħha stess kif ukoll għal dawk tar-rikorrenti, bl-eċċezzjoni tal-ispejjeż marbuta mal-intervent. It-tieni nett, hemm lok li l-intervenjenti tiġi kkundannata, minbarra għall-ispejjeż tagħha stess, għall-ispejjeż tar-rikorrenti marbuta mal-intervent tagħha”.
- 2) Il-punt 2 tad-dispożittiv tas-sentenza tas-7 ta' Marzu 2017, *United Parcel Service vs Il-Kummissjoni*, T-194/13, EU:T:2017:144 huwa emendat kif ġej: “Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata, minbarra għall-ispejjeż tagħha stess, għal dawk ta' *United Parcel Servizz, Inc.*, bl-eċċezzjoni tal-ispejjeż marbuta mal-intervent”.
- 3) Il-punt 3 tad-dispożittiv tas-sentenza tas-7 ta' Marzu 2017, *United Parcel Service vs Il-Kummissjoni*, T-194/13, EU:T:2017:144 huwa emendat kif ġej: “*FedEx Corp.* għandha tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, dawk ta' *United Parcel Servizz, Inc.*, marbuta mal-intervent tagħha”.
- 4) *United Parcel Service, Inc.*, il-Kummissjoni u *FedEx* għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom marbuta ma' din il-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 147, 25.5.2013.